# LINJI TA' GWIDA GHALL MIZURI DIXXIPLINARJI

## Introduzzjoni

Dawn huma l- linja ta' gwida ghall- kif ghandhom jittiehdu il- mizuri dixxiplinarji kontra membri li jkunu wetqu xi forma ta' ksur tar- regolamenti tal- Malta Boxing Assocition. Dan qed isir sabiex il- Bord tad- Dixxplina jkollhu gwida ta' kif ghandhom jiddeciedu il- pieni / mizuri, u b'hekk jigi zgurat li l- membri kollha jigu ttrattati ugwalment. Dawn il- linji gwida ghandhom jigu mplimentati mill- Bord Dixxiplinarju fi kwalunkwe kaz li jidher quddiemu.

## L-Att ta' l-Akkuza:

Il- Kumitat ghandhu jkun zguri li qabel jibdew procedura kontra xi membru / membri, ghandhu jkollhu bizzejjed provi u xiehda sabiex jipprocedi. Ghandu jkun zgurat ukoll li tali proceduri jinbdew mill- aktar fis possibli mid-data ta' meta l- Kumitat jkun jinduna, jigi mgharraf jew sar jaf b'xi mod iehor bil- ksur ta' xi regolament kif indikati hawn taht.

## Il- Mizuri

Il- Mizuri (pieni) mehuda ghandhom il- minimu u l- massimu rikjest, u l- Kumitat ghandu jghati konsiderazzjoni tax-xiehda, provi, u kwalunkwe materja ohra li jidhirlu relevanti sabiex jasal ghall- konkluzzjoni jekk ghandux jghati il- piena minima jew massima, kif ukoll fi kwlaunkwe parametru bejn il- piena minima u dik massima.

1. **Ksur ta' Regola 31.1: Tixrid ta' diceriji / allegazzjonijiet infondati:**

   (Din tkopri allegazzjonijiet infondati ta' xi forma ta' korruzzjoni li jghamlu hsara lill- isem tajjeb tal- Ghaqda u/jew tal- events sanzjonati minnha, allegazzjonijiet fuq membri tal- kumitat li jghamlu hsara kemmm fuq bazi personali u kemm lill- isem ta' l- Ghaqda, kif ukoll allegazzjonijiet li jaghmlu hsara lill xi membru / membri ta' l- Ghaqda). Dawn jikludu allegazzjonijiet jew xnieghat li jsiru kemm verbalment kif ukoll b'permezz ta siti elettronici:

   Piena:

   Minn 3 sa 12 il-xahar u/jew possibilta ta' probation (sentenza sospiza) ta' sena. Din ghandha tapplika ghall-kwalunkwe rwol li dik il-persuna tkun licenzjata ghaliha, u/jew multa ta' bejn €50 u €150. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is-sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa.

2. **Ksur ta' Regola 31.2: Imgieba mhux xierqa waqt event:**

   Attegjament waqt event li jkun ta' detriment lejn il-kompetituri l-ohra, ufficcjali jew kwalunkwe persuna prezenti waqt l-events. Dan jinkludi kull forma ta nuqqas ta tharis ta regolamenti jew nuqqas li tigi obduta ordni mghotija minn ufficcjal waqt l- event. Jekk wara twissija tas-supervisor din l-imgieba tkompli, is-supervisor ghandu jkollhu l-poter li jordna it-tkeccija tal-membru/persuna ghall kumplament tal-event, bil- possibilta ta passi ulterjuri kif jidher fil-piena hawn taht:

   Piena:

   Sospensjoni sa sitt xhur u/jew probation ta' sena (sentenza sospiza) u/jew multa ta' bejn €50 u €150. Din ghandha tkun tghodd fuq kwalunkwe rwol li din il-persuna tkun licenzjata ghaliha. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is-sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa.

**3. Ksur ta' Regola 31.3: Imgieba mhux xierqa waqt Event:**

(Din tinkludi: imgieba fir-ring u barra r-ring, jew kwalunkwe post iehor fejn ikun prezenti l-judges, referee, supervisor jew kwalunkwe ufficcjal iehor ta' l-MBA, atteggjament ostili lejn l-ufficcjali, atteggjament li juri xi forma ta' dizaprovazzjoni lejn xi ufficcjal u/jew id-decizjoni tieghu, kemm verbalment jew fizikament, attegjament li juri dizapprovazzjoni mhux xierqa lejn xi decizjoni mehuda mill- kumitat jew ufficcjal li jirrapprezentaha):

Piena:

Sospensjoni minn sitt xhur sa sentejn u/jew probabtion (sentenza sospiza) sa 3 snin u/jew multa ta €150 u mhux aktar minn €250. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is-sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa.

**4. Ksur ta' Regola 31.4: Imgieba mhux-xierqa waqt wirja:**

Abbuz Fiziku: Abbuz fiziku (glied) fuq xi ufficcjal tal- MBA, jew membru iehor. (Attegjament meqjus bhala aktar gravi).

Piena:

Sospensjoni minn 3 sa 7 snin u/jew multa ta bejn €300 u €600. Din tinkludi kwalunkwe licenzja li dak il-membru jista jkollhu. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is-sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa.

**5. Ksur ta' Regola 31.5: Hsara fil- propjeta tal- Ghaqda jew fil- propjeta tal- bini fejn tkun qeghda issir l- event.**

Piena:

Multa li tkun tkopri l-ispiza biex tissewwa l-hsara kagunata u/ jew spejjez relatati, u/jew sospensjoni minn sena sa 5 snin. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is- sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa.

**6. Ghoti ta' dettalji foloz:**

(Din ghandha tkopri dettalji foloz mghotija li jirrigwardjaw certifikati medici, falsifikazzjoni ta' dokumenti medici personali u ta' terzi persuni u dettalji personali foloz jew ta' terzi persuni li jirrigwardjaw il- membership).

Piena:

Jigu rtirati walunkwe rebh/titli li jkunu gew mirbuha permezz ta l-ghoti ta dawn id-dettalji foloz. Sospensjoni minn sena sa ghaxar snin u/jew multa ta bejn €100 u €600. Din tinkludi kwalunkwe licenzja li dak il-membru jista jkollhu. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is-sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa. Din tinkludi l-irtirar ta' kwalunkwe licenzja mahruga mill-MBA.

**7. Ksur ta' Regola 32:**

Korruzzjoni u/je Match Fixing: Imgieba jew attegjament li juri b'mod car li membru jkun hati ta' korruzzjoni li b'rizultat ta' dan ikun influwenzat il- gudizzju ta' xi bout jew parti minnha, jew li pprova li jghamel att ta' korruzzjoni sabiex jikseb xi vantagg lejh jew lejn xi hadd iehor.

Ikompli…..

Piena:

Sospensjoni ta bejn 5 sa 10 snin u/jew multa ta' bejn €150 u €500. Din tista tinkludi l-irtirar ta' kwalunkwe licenzja mahruga mill-MBA. F'kaz ta' sospensjoni u multa, is-sospensjoni ghandha tibda tghodd mid-data li fiha tithallas il-multa.

**8. Doping – Tehid ta' Drogi jew sustanzi illeciti:**

F'kaz li membru jigi misjub pozittiv mill-Anti Doping Commission:

Piena:

F'kaz li l-kaz ikun instema u inqata minn Anti Doping Commission rikonoxxuta minn WADA, ghandha tinzamm is-sentenza mghotija minn dik l-entitata.

Fil-kaz li l-kaz ghandu jinqata mill-Bord tad-Dixxiplina ta' l-MBA, ghandha tigi segwita ir-rakkomandazzjoni tas- sanctioning body (Ez.: EBU, WBC, WBA, WBF, IBF), kif ukoll il-possibilta ta' addizzjoni ta' multa ta' bejn €200 u €500.

**9. Ksur ta' Regola 31: Partecipazzjoni f'attivita jew kompetizzjoni tal-boxing li mhux sanzjonata mill-MBA:**

Piena:

Sospensjoni ta' kwalunkwe licenzja mahruga mill-MBA ta' bejn sena u mhux aktar minn sentejn u possibilta ta' multa ta' bejn €50 u €100.

**10. Organizzazzjoni ta' attivita li mhiex sanzjonata mill-MBA (Tinkludi ksur tal-kundizzjonijiet ta sanzjoni mahruga mill-MBA):**

Piena:

Sospensjoni ta' kwalunke licenzja mahruga mill-MBA ta' bejn sena u mhux aktar minn sentejn u multa ta' €300.

**11. Ksur tar-regolamenti jew xi kundizzjoniji tas-sanzjoni mahruga mill-MBA:**

Minn €50 sa mhux aktar minn €150 multa.

Fi kwalunkwe kaz, il-bord dixxiplinarju jista jordna li tali persuna dixxiplinata ma tkunx tista tidhol fl-events anke bhala spettatur.

**12. Atteggjament mhux xieraq minn membri fil-pubbliku jew fuq media socjali fir-rigward ta' boxing:**

Multa ta' bejn €50 u €150 u/jew sentenza ta' 6 xhur sospensjoni sospiza ghall-sena.